MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2293/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd. (C 507)**

**VS**

**Saviour Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm926) rappresentanti l-import ta' tnax-il kambjala, hdax ta' Lm80 il-wahda u wahda ta' Lm46 debitament accettati u skaduti minn Lulju 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti 1 sa 12 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' Novembru 2003 jammontaw ghal

Lm155 oltre imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm926), bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------